

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 7.12.2010
KUMM(2010) 721 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

Ir-Rwol tal-Inizjattivi Reġjonali fil-futur

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Ir-Rwol tal-Inizjattivi Reġjonali fil-futur

1. IL-KUNTEST

L-Inizjattivi Reġjonali ġew stabbiliti fir-rebbiegħa tal-2006 mill-Grupp tar-Regolaturi Ewropej għall-Elettriku u l-Gass (l-ERGEG), fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea, bħala miżura temporanja fil-proċess ta' bidla minn swieq nazzjonali tal-gass u l-elettriku għal suq uniku tal-enerġija. Ġew maħluqa seba' reġjuni għall-elettriku¹ u tlieta reġjuni għall-gass.

L-Inizjattivi Reġjonali kienu pożittivi fis-sens li pprovdew forum fejn ir-regolaturi, l-operaturi tan-netwerk u partijiet interessati oħra mill-pajjiżi ġrieni setgħu jiddiskutu kwestjonijiet ta' interess komuni. Ħafna mill-Inizjattivi Reġjonali għamli progress f'għadd kbir ta' kwestjonijiet differenti. Ir-reġjuni tal-elettriku ffokaw l-aktar fuq il-ġestjoni tal-konġestjoni, il-bilanċ u t-trasparenza. Ir-reġjuni tal-gass indirizzaw kwestjonijiet relatati mal-interkonnessjoni, l-interoperabbiltà, it-trasparenza, iċ-ċentri u s-sigurtà tal-provvista.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li, ħames snin wara li jkunu ġew stabbiliti, ikun utli li l-inizjattivi reġjonali jiġu evalwati biex jiġi analizzat jekk jistgħux isiru xi modifikazzjonijiet fil-proċess, fil-kompożizzjoni u fil-governanza li jkomplu jtejbu l-effikaċja u l-kontribut tagħhom għat-twettiq komplet tas-suq intern. Din ir-reviżjoni tinkwadra sew mad-dħul fis-seħħ tat-tielet pakkett dwar is-suq intern tal-enerġija (imsejjaħ ukoll It-Tielet Pakkett tal-Enerġija)². It-Tielet Pakkett tal-Enerġija jipprevedi għodod ġodda ta' regolamentazzjoni Ewropea permezz ta' kodiċijiet tan-netwerk li jistgħu jsiru obbligatorji mill-Kummissjoni billi din tapplika l-proċedura ta' komitoloġija, u jibdel l-istruttura istituzzjonali bil-ħolqien tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija Ewropej (Agency for the Cooperation of Energy Regulators - ACER). Is-sena li għaddiet, il-Kummissjoni bdiet studju dwar l-inizjattivi reġjonali³. Fl-istess żmien, ippreżenta d-Dokument ta' Strateġija tiegħu dwar ir-rwol tal-inizjattivi reġjonali⁴. Barra minn hekk, xi wħud mill-partijiet interessati ppubblikaw ir-rapport tagħhom dwar il-kooperazzjoni reġjonali⁵ u f'Lulju, il-Kummissjoni u l-ERGEG organizzaw flimkien Konferenza dwar l-Inizjattivi Reġjonali⁶.

¹ Fl-2008, ġie stabbilit ir-Reġjun tal-Komunita tal-Enerġija (Energy Community Region) wkoll.

² Ara www.ec.europa.eu/energy/gas_electricity/third_legislative_package_en.htm, il-pakkett huwa magħmul mid-Direttivi 2009/72/KE u 2009/73/EC u mir-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009.

³ L-istudju ġie ppubblikat fuq is-sit elettroniku tad-DĠ ENER: "From regional markets to a single European market" (April 2010): www.ec.europa.eu/energy/gas_electricity/studies/electricity_en.htm

⁴ Strategy for delivering a more integrated European energy market: The role of the ERGEG Regional Initiatives. An ERGEG Conclusions Paper. E10-RIG-10-04, 21 ta' Mejju 2010 (www.energy-regulators.eu/portal/page/portal/EER_HOME/EER_PUBLICATIONS/CEER_ERGEG_PAPERS/Cross-Sectoral/2010/E10-RIG-10-04_Strategy_Conclusions_21-May-10.pdf).

⁵ Pereżempju ara r-rapport tal-Eurelectric: <http://www.eurelectric.org/Download/Download.aspx?DocumentFileID=62455>.

⁶ Ara http://www.energy-regulators.eu/portal/page/portal/EER_HOME/EER_INITIATIVES/Regional_InitiatIVES_Conferences/2010%20RI%20Conference

Abbażi tal-konklużjonijiet ta' dawn l-istudji u d-dibattitu, l-għan ta' din il-Komunikazzjoni hu li ssir taf x'inhuma l-opinjoni tal-partijiet interessati dwar l-alternattivi possibbli biex l-effikaċja tal-Inizjattivi Reġjonali tissaħħaħ.

Wara din il-Komunikazzjoni u skont ir-reazzjonijiet li tirċievi għaliha mill-partijiet interessati kollha, il-Kummissjoni tista' tniedi inizjattiva li tkun ibbażata fuq l-Artikolu 12.3 tar-Regolamenti dwar il-Gass u l-Elettriku⁷. Skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' tiddefinixxi mill-ġdid iż-żona ġeografika koperta minn kull struttura ta' koperazzjoni reġjonali, fil-kuntest ta' proċess usa' li permezz tiegħu jiġu rriformati il-kompiti u l-governanza tal-Inizjattivi Reġjonali, u li għalih se jikkontribwixxu l-partijiet kollha, skont il-kompiti u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, jiġifieri l-Kummissjoni, l-ERGEG, l-ACER, it-TSOs (l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni), l-Istati Membri u l-partijiet interessati.

2. IL-KOMPITI U L-PRIJORITAJIET TAL-INIZJATTIVI REĠJONALI

Sal-lum, il-biċċa l-kbira tal-Inizjattivi Reġjonali segwew approċċ ta' "minn isfel għal fuq", fejn kull reġjun iffissa l-prijoritajiet tiegħu stess Dan l-approċċ volontarju kien joffri vantaġġi kbar peress li kien jippermetti li r-reġjuni jiffokaw fuq il-problemi speċifiċi tagħhom. Pereżempju, meta f'Jannar 2009 bdew l-interruzzjonijiet fil-provvista tal-gass, ir-reġjun Nofsinhar-Xlokk tal-gass seta' jiffoka fuq il-kwestjonijiet relatati mas-sigurtà tal-provvista tal-gass.

Dan l-approċċ ippermetta wkoll li jsir it-twettiq ta' testijiet pilota, fejn is-soluzzjonijiet jiġu ttestjati f'reġjun qabel ma jiġu implimentati x'imkien ieħor. Pereżempju, is-soluzzjonijiet li nstabu tajbin biex jindirizzaw il-problemi tal-akkoppjar tal-volumi bejn is-swieq tal-elettriku tad-Danimarka u tal-Ġermanja għenu fil-ħolqien ta' kunsens dwar il-benefiċċji tal-akkoppjar tal-volumi.

Fl-aħħar nett, ir-Reġjuni implimentaw il-miżuri tal-UE b'dimensjoni transkonfinali speċjali. Pereżempju, ir-Reġjuni tal-elettriku ħadmu fuq l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-linjigwida tal-ġestjoni tal-konġestjoni. Ir-reġjun Majjistral tal-gass applika xi rekwiżiti ta' trasparenza addizzjonali għal dawk definiti fir-Regolament (KE) Nru 1775/2005. Mingħajr l-approċċ reġjonali x'aktarx li l-progress fl-implimentazzjoni kien ikun inqas jew isir aktar bil-mod minn dak li sar.

Madankollu, l-approċċ volontarju ta' "minn isfel għal fuq" għandu xi żvantaġġi sinifikanti wkoll, kif ġie rikonoxxut sa mill-bidu⁸. Jeżisti riskju inerenti li reġjuni differenti jimplimentaw soluzzjonijiet differenti għall-istess problemi, mingħajr perspettiva ċara tal-integrazzjoni matul iż-żmien. Pereżempju, jekk kull reġjun jiżviluppa uffiċċju tiegħu għas-subbasta li jkollu l-istruttura proprja tiegħu, il-governanza proprja tiegħu eċċ, bla ma jqis il-konverġenza ma' strutturi simili li jeżistu f'reġjuni oħra, dan jista' jipperikola l-ksib ta' suq intern tal-enerġija fit-tul ta' żmien.

Mill-istudju mqabba mill-Kummissjoni ħareġ li l-approċċ intenzjonat ta' "minn isfel għal fuq" ma setax jitwettaq mill-Inizjattivi Reġjonali bl-aktar mod effettiv, minħabba li kien hemm nuqqas ta' ċarezza fit-termini ta' referenza għal dawn l-Inizjattivi Reġjonali li kienet aggravata b'fatturi oħra relatati ma', inter alia, il-governanza tagħhom.

⁷ Ara r-Regolamenti (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009.

⁸ Minħabba f'hekk, il-preparazzjoni tar-rapporti annwali ta' koerenza u konverġenza.

Għalhekk, il-politika għall-Inizjattivi Reġjonali għandha tingħata aktar orjentazzjoni li ssegwi l-linji stabbiliti f'din it-taqsim.

Il-prinċipju ewlieni għandu jkun dak li l-Inizjattivi Reġjonali għandhom jiffokaw biss fuq kwestjonijiet fejn dawn l-inizjattivi jżidu l-valur b'mod evidenti. Barra minn hekk, meta jitqiesu l-limiti tar-riżorsi, ikun jaqbel li x-xogħol jiġi ffokat fuq għadd limitat ta' prijoritajiet li fihom ikun jista' jsir progress sinifikanti.

a. Implimentazzjoni tal-acquis tal-UE, inklużi l-kodiċijiet tan-netwerk.

Fl-imġhoddi, l-Inizjattivi Reġjonali tal-elettriku kienu jużaw ħafna mill-ħin tagħhom biex jimplimentaw dawk il-partijiet tal-acquis li jeħtieġu koordinazzjoni transkonfinali (speċjalment għall-problemi ta' konġestjoni transkonfinali, l-allokkazzjoni tal-kapaċitajiet transkonfinali u t-trasparenza). Minkejja l-progress li sar f'dawn il-kwestjonijiet, ix-xogħol tal-Inizjattivi Reġjonali għadu ma wassalx għall-konformità sħiħa tal-Istati Membri mar-rekwiżiti tar-Regolament 1228/2003. Minħabba f'hekk, f'Ġunju 2010 l-Kummissjoni nediet proċedura ta' ksar kontra għoxrin Stat Membru biex jimplimentaw u japplikaw bla dewmien ir-regoli tas-Suq Uniku⁹. Għaldaqstant, l-ewwel prijorità tal-Inizjattivi Reġjonali għandha tkun li jaċċelleraw l-implimentazzjoni korretta tat-Tieni Pakkett tal-Energija¹⁰, jiġifieri dawk il-kwestjonijiet li jeħtieġu l-koordinazzjoni transkonfinali.

Fil-futur, jista' jkun li minbarra r-rwol li jimplimentaw dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Tielet Pakkett tal-Enerġija nnifsu, l-Inizjattivi Reġjonali jkollhom ukoll ir-rwol li jimplimentaw leġislazzjoni abbażi tat-Tielet Pakkett tal-Enerġija, jiġifieri, annessi ġodda għar-Regolamenti u l-kodiċijiet tan-netwerk. Meta l-kodiċi jkunu ġew adottati permezz tal-komitoloġija, dawn isiru legalment vinkolanti u jiffurmaw parti mill-acquis tal-UE. Madankollu, minħabba li l-adozzjoni tal-proċeduri tista' tiegħu fit-tul, ikun possibbli li l-integrazzjoni tas-suq titħaffef billi l-Inizjattivi Reġjonali jibdew jimplimentaw dawk l-elementi tal-kodiċijiet tan-netwerk li jkunu mistennija jibqgħu stabbli fil-fażijiet finali tal-proċess ta' adożzjoni. F'dak il-każ, l-Inizjattivi Reġjonali għandhom jiżguraw li l-implimentazzjoni bikrija ma teskludix il-possibbiltà ta' aġġustamenti aktar tard. Ir-reġjuni jistgħu jimplimentaw l-aspetti transkonfinali tal-acquis b'rati differenti minn xulxin, dejjem sakemm ir-reġjuni kollha jilhq jlestu l-implimentazzjoni sad-data meħtieġa legalment.

L-implimentazzjoni bikrija minn xi wieħed mir-reġjuni tista' tkun utli bħala referenza biex isiru magħrufa l-aħjar mod li bih jiġu implimentati l-kodiċi ġodda, iż-żmien meħtieġ biex dan isir u l-ostakoli li jistgħu jinqalgħu. L-esperjenza li tinkiseb tista' tintuża biex tiffaċilita u tħaffef l-implimentazzjoni f'reġjuni oħra. Ix-xogħol li sar sa issa fir-reġjun Ċentrali-Punent tal-elettriku dwar l-akkoppjament tas-suq u dak li sar fir-reġjun Ċentrali-Lvant tal-elettriku dwar l-applikazzjoni ta' allokkazzjoni ta' kapaċitajiet abbażi tal-flussi huma eżempji tajbin ta' din l-esperjenza.

Sabiex jiġi evitat li reġjuni differenti jinterpretaw jew japplikaw xi dispożizzjonijiet tal-acquis b'mod individwali, jew b'mod li jrendi l-integrazzjoni futura ma' reġjuni oħra aktar diffiċli, l-ACER għandha timmonitorja b'mod attiv li l-kodiċijiet u l-elementi oħra tal-acquis jiġu implimentati b'mod koerenti fir-reġjuni kollha.

⁹ Ara l-istqarrija għall-istampa IP/10/836, tal-24 ta' Ġunju 2010.

¹⁰ Il-pakkett huwa magħmul mid-Direttivi 2003/54/KE u 2003/55/KE u mir-Regolamenti (KE) Nru 1228/2003 u (KE) Nru 1775/2005

L-Inizjattivi Reġjonali tal-elettriku għandhom jagħmlu sforz kollettiv biex l-għan ta' akkoppjament sħiħ tas-suq fl-UE kollha jintlaħaq sal-2015. L-akkoppjament tas-suq huwa mod li jinkoraġġixxi l-integrazzjoni tas-suq u jista' jkun aktar possibbli (u għalhekk, iseħħ aktar malajr) kieku l-pajjiżi li għandhom mhumiex jużaw l-akkoppjament tas-suq jibdeu jaħdmu flimkien fuq livell reġjonali sabiex jingħaqdu fl-akkoppjament tas-suq tal-UE.

Fil-każ tal-gass, ir-rwol li l-akkoppjament tas-suq jista' jwettaq biex jinkoraġġixxi l-integrazzjoni tas-suq bejn żoni distinti ta' bilanċ għandu jiġi analizzat fid-diskussjoni li għandha ssir dwar mudell ta' mira għas-suq tal-gass. Abbażi tax-xogħol imwettaq mill-entitajiet regolatorji, l-akkoppjament tas-suq għandu jiġi mmirat li jintlaħaq sal-2015. Diġà saru xi passi meħtieġa f'din id-direzzjoni, bħalma huma d-disponibbiltà ta' kapaċità kostanti għall-għada (*day-ahead*) u l-kombinazzjoni tal-kapaċitajiet ta' ħruġ u ta' dħul biex jiffurmaw kapaċità unika integrali bejn ċentru u ieħor.

Fil-każ tal-elettriku, ir-Reġjun Ċentrali-Punent u r-Reġjun Tramuntana kisbu l-akkoppjament sħiħ tas-suq f'Novembru 2010. Għalhekk, dawn iż-żewġ reġjuni huma l-ewwel tnejn li implimentaw l-akkoppjament tas-suq.

Madankollu, il-mod li bih għandu jitwettaq l-akkoppjament tas-suq fuq skala tal-UE għandu jiġi diskuss bejn ir-Reġjuni waqt diversi fora, bħalma huma l-Fora ta' Firenze u ta' Madrid. Id-diskussjonijiet dwar il-metodu li bih għandu jinkiseb l-akkoppjament tas-suq għandhom isiru malajr kemm jista' jkun, biex jiġi evitat li jinqalgħu problemi tekniċi aktar tard.

b. Kwistjonijiet reġjonali: Investimenti fl-infrastruttura, il-bilanċ reġjonali u s-sigurtà tal-provvista

Skont ma jkunu l-kundizzjonijiet speċifiċi tas-suq tiegħu, kull reġjun ikollu jittratta kwestjonijiet speċifiċi għar-reġjun tiegħu anke jekk dawn il-kwestjonijiet jistgħu, f'xi ħin, isiru rilevanti għal reġjuni oħra wkoll. Fil-kuntest ta' politika ġenerali tal-UE għall-enerġija, hemm tliet kwestjonijiet li għandhom jitqiesu bħala prijoritarji: l-investimenti reġjonali fl-infrastruttura, il-bilanċ reġjonali u s-sigurtà tal-provvista

Il-Kummissjoni fissret il-viżjoni tagħha dwar il-ħtiġijiet ta' żvilupp tal-infrastruttura fil-Komunikazzjoni tagħha "Prijoritajiet għall-infrastruttura tal-enerġija għall-2020 u wara – Pjan għal netwerk tal-enerġija Ewropew integrat" ¹¹[traduzzjoni mhux uffiċjali] ("*Energy infrastructure priorities for 2020 and beyond - A Blueprint for an integrated European energy network*"), li tinkludi l-proposta li l-Inizjattivi Reġjonali jistgħu jingħataw rwol ewlieni fl-identifikazzjoni tal-prijoritajiet infrastrutturali għar-reġjuni rispettivi tagħhom u fil-koordinazzjoni tal-investimenti transkonfinali, partikolarment fil-każ ta' interkonnnetturi ġodda. Sabiex jiġu promossi l-investimenti transkonfinali, il-ħtiġijiet tal-investment għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar, għandu jiġi stabbilit qafas regolatorju adegwat u l-kwestjonijiet li jikkonċernaw l-ippjanar u l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu indirizzati. L-ACER għandha rwol importanti biex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-entitajiet regolatorji fl-aspetti regolatorji tad-deċiżjonijiet ta' investment. Anke l-Inizjattivi Reġjonali jista' jkollhom rwol li jiffaċilitaw, peress li jipprovdu pjattaforma għall-entitajiet regolatorji, t-TSOs, l-utenti tan-netwerks u l-Istati Membri, bil-kooperazzjoni tal-Kummissjoni u tal-ACER, biex jindirizzaw dawn il-kwestjonijiet. Barra minn hekk, għandu jibqa' jkun possibbli li dawn il-kwestjonijiet jiġu indirizzati f'ambiti ad hoc differenti mill-ambitu tal-Inizjattivi Reġjonali,

¹¹ Komunikazzjoni COM(2010)677 [http://ec.europa.eu/energy/infrastructure/strategy/doc/com\(2010\)0677_en.pdf](http://ec.europa.eu/energy/infrastructure/strategy/doc/com(2010)0677_en.pdf)

tas-17 ta' Novembru 2010

fejn dawn l-ambiti ad hoc ikunu aktar effettivi u effikaċi għall-promozzjoni tal-investimenti transkonfinali.

Dawn it-tip ta' investimenti jistgħu jkunu importanti, speċjalment biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista (bħalma huma dawki li jippermettu flussi fiżiċi bidirezzjonali fil-każ tal-gass). Ir-Regolament dwar is-sigurtà tal-provvista tal-gass jirrikonoxxi l-ħtieġa tal-kooperazzjoni reġjonali.

Skont ma jkun ir-riżultat li jroġġ mid-diskussjoni dwar il-mudell ta' mira għas-suq tal-gass, wieħed mill-aspetti li l-Inizjattivi Reġjonali għandhom jiffojkaw fuqhom jista' jkun dak li jaħdmu biex jikkonsolidaw iż-żoni ta' bilanċ.

Fl-aħħar nett, il-kooperazzjoni reġjonali hija kruċjali biex l-integrità tan-netwerks tittejjeb, biex jiġi evitat il-qtugħ fil-provvista tal-enerġija għal raġunijiet tekniċi u biex, meta jseħħ, dan il-qtugħ jiġi indirizzat b'mod effettivi u bl-inqas effetti negattivi possibbli għall-utenti u l-produtturi.

c. Testijiet pilota

F'dawk il-kwestjonijiet li għandhom mhumiex koperti minn linjigwida qafas u lanqas mill-kodiċijiet tan-netwerk, l-Inizjattivi Reġjonali jista' jkollhom rwol importanti biex iservu ta' opportunità fejn jistgħu jiġu ttestjati ideat ġodda. Eventwalment, dawn it-testijiet pilota jistgħu jiżviluppaw f'inizjattiva li twassal għal regoli vinkolanti ġodda, pereżempju, permezz ta' kodiċijiet tan-netwerk ġodda.

Il-proġetti pilota reġjonali jistgħu jkunu utli biex in-netwerks intelliġenti jew is-suq transkonfinali tal-konsumaturi jiġi stabbilit b'pass aktar imgħaġġel. L-Inizjattiva Ewropea għal Network tal-Elettriku, stabbilita fil-pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija (il-pjan SET), stabbilixxiet qafas li, fl-ambitu tiegħu, l-ENTSO-E ppreżentat pjan direzzjonali dettaljat għas-snin li ġejjin. L-Inizjattivi Reġjonali jistgħu jwettqu rwol utli fl-implimentazzjoni tal-proġetti ta' Riċerka u Żvilupp (ara l-Pjan Direzzjonali¹²). Naturalment, ir-reġjuni għandhom ikunu liberi li jagħmlu testijiet pilota anke dwar kwestjonijiet oħra, skont ma jkunu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

3. L-GĦADD TA' REĠJUNI

Ir-reġjuni tal-elettriku ġew definiti fid-Deċiżjoni 2006/770/KE li emdat il-linjigwida tal-ġestjoni tal-konġestjoni annessi għar-Regolament 1228/2003¹³. Fil-każ tal-gass, ir-reġjuni ma ġewx definiti formalment permezz ta' deċiżjoni vinkolanti. Ir-reġjuni tal-gass ħarġu mill-konsultazzjoni informali li saret bejn il-Kummissjoni, l-entitajiet regolatorji, it-TSOs u partijiet interessati oħra. L-esperjenza turi li r-reġjuni tal-gass irnexxilhom jiksbu ċertu progress anke mingħajr it-teħid ta' deċiżjoni formali li tistabbilixxi r-reġjuni u l-kompiti tagħhom.

Biex isir aktar progress, hemm żewġ alternattivi possibbli. L-ewwel alternattiva hija dik fejn ir-reġjuni tal-gass u l-kompiti tagħhom jiġu stabbiliti permezz ta' deċiżjoni formali, fejn l-akbar vantaġġ ta' din l-alternattiva hu li tevita d-diskussjonijiet u l-inċertezzi u li tidentifika

¹² https://www.entsoe.eu/fileadmin/user_upload/library/news/EEGI_Implementation_plan_May_2010.pdf

¹³ Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2006 li temenda l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1228/2003 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku ĠU, L 312 tal-11.11.2006, p. 59-65

b'mod aktar preċiż dak li hu mistenni mill-Istati Membri kkonċernati u mill-partijiet interessati fl-ambitu tal-enerġija tagħhom. It-tieni alternattiva hija dik fejn ir-reġjuni tal-gass jibqgħu jiġu definiti b'mod informali, fejn l-akbar vantaġġ ta' din l-alternattiva hu li tippermetti aktar flessibilità fil-kompożizzjoni u l-kompiti tar-reġjuni maż-żmien.

Minbarra l-kwestjoni tal-istrument li jintuża biex jiġu definiti r-reġjuni, hemm ukoll dik ta' kif dawn ir-reġjuni għandhom jiġu komposti. Il-kompożizzjoni tar-reġjuni għandha tiġi ddeterminata abbażi tal-kompiti tagħhom. F'każ li reġjun ikollu l-għan li jagħmel progress f'ċerti prijoritajiet speċifiċi, l-għamla tiegħu għandha tikkorrispondi ma' dan l-għan.

Fil-każ tal-elettriku, jidher li l-kompożizzjoni eżistenti ta' seba' reġjuni hija adatta sew biex tindirizza l-prijoritajiet proposti hawn fuq, u ma jidherx li hemm għalfejn tinbidel. Madankollu, maż-żmien, meta jkunu ġew żviluppatti biżżejjed interkonnetturi tant li l-konnessjoni fiżika tar-reġjuni rilevanti tkun possibbli, jista' jkun xieraq li r-reġjun Franza-Renju Unit-Irlanda jiġi integrat mar-reġjun Ċentrali-Punent u li r-reġjun Baltiku jiġi integrat mar-reġjun Tramuntana.

Fil-każ tal-gass, jidher li hemm raġunijiet validi biex tinbidel il-kompożizzjoni attwali tar-reġjun Nofsinhar-Xlokk. Mill-istudju mqabba mill-Kummissjoni ħarġu dawn il-konklużjonijiet: "Minħabba l-eteroġeneità fid-daqs u l-interessi differenti tal-membri tiegħu, ir-Reġjun (Nofsinhar-Xlokk) x'aktarx li bata aktar minn reġjuni oħra mill-iżvantaġġi tal-approċċ volontarju u ta' kooperazzjoni li jikkarakterizza l-Inizjattivi Reġjonali, jiġifieri minn ċertu nuqqasijiet fl-organizzazzjoni u minn nuqqas ta' impenji". Minħabba l-importanza li jiġu żviluppatti infrastrutturi u interkonnetturi tal-gass ġodda għall-ħolqien ta' suq intern tal-gass u għal raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista, il-Kummissjoni tipproponi li r-reġjun "Nofsinhar-Xlokk" attwali jinqasam fi tliet reġjuni tal-gass ġodda li jinkludu l-Istati Baltiċi u l-pajjiżi Nordiċi kif ġej:

- Regjun ġdid Ċentrali-Nofsinhar: IT, AT, SK, SI, HU, RO, BG, EL;
- Reġjun ġdid Ċentrali-Lvant: DE, PL, CZ, SK, AT;
- Reġjun ġdid BEMIP: SE, FI, EE, LV, LT, PL, DE, DK.

It-tibdil fir-reġjun jista' jfjixkel, għal żmien temporanju, ix-xogħol li r-reġjun ikun qed iwettaq fuq kwestjonijiet operazzjonali. Madankollu, ikun aħjar kieku l-istruttura tkun tajba mill-ewwel u li jiġu stabbiliti reġjuni ġodda li jkunu aktar effiċjenti, anke jekk dan jieħu xi ftit xhur aktar, milli kieku tibqa' tintuża struttura li jidher li mhix idonea biex tagħti r-riżultati mixtieqa.

Barra minn hekk, ikun jaqbel li l-Italja tiddaħħal fir-reġjun Nofsinhar attwali (li jinkludi Franza u l-Peninsula Iberika) peress li, fost raġunijiet oħra, dan ir-reġjun jista' jkun il-punt ta' dħul ewlieni għall-gass naturali li jiġi importat mit-Tramuntana tal-Afrika. Dan it-tibdil għandu jħalli effett pożittiv fuq il-likwidità f'dan ir-Reġjun Nofsinhar ġdid. Bħala pajjiż komuni għaż-żewġ reġjuni tan-Nofsinhar, l-Italja tista' tikkontribwixxi għall-iżgurar tal-koerenza tat-tnejn li huma.

Minbarra l-kwestjonijiet relatati mad-disinn tas-suq u mal-implimentazzjoni tal-acquis, ir-reġjuni kollha għandhom jiffokaw fuq l-iżvilupp ta' interkonnetturi ġodda.

Il-format u l-kompożizzjoni tar-reġjun Tramuntana-Punent attwali jidhru li huma adegwati u ma jeħtiġux tibdil.

Huwa importanti li wieħed jenfasizza li l-Inizjattivi Reġjonali ma għandhomx jeskludu formati oħra ta' kooperazzjoni bejn it-TSOs, l-entitajiet regolatorji u l-Istati Membri, bħalma hi l-Inizjattiva għal Network Offshore tal-Pajjiżi tal-Ibħra tat-Tramuntana li ġiet iffirmata

mill-Ġermanja, ir-Renju Unit, Franza, id-Danimarka, l-Isvezja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Belġju, l-Irlanda u l-Lussemburgu. Il-fatt li Stat Membru jkun jiffirma parti minn reġjun ma għandux iżommu milli jaħdem ma' Stat Membru jew aktar ta' reġjun ieħor, sakemm din il-kollaborazzjoni ma tkunx ta' ħsara għax-xogħol tar-reġjuni rispettivi.

Barra minn hekk, kif issuġġerixxa l-ERGEG ukoll, hemm raġunijiet validi għalfejn ir-reġjuni għandhom jaħdmu flimkien fuq ċerti aspetti, pereżempju, fuq l-akkoppjament tas-suq bejn ir-reġjun Ċentrali-Punent u l-pajjiżi Nordiċi. Madankollu, din it-tip ta' kollaborazzjoni ma għandhiex tittardja x-xogħol u r-riżultati mistennija mir-reġjuni. Jekk reġjun jagħti l-"eżempju t-tajjeb", ir-reġjuni l-oħra għandhom jippruvaw jagħmlu bħalu (b'qies, jekk meħtieġ, għall-ispeċifitàjiet reġjonali).

X'aktarx li wara ċertu żmien, l-għadd ta' reġjuni u l-kompożizzjoni tar-reġjuni jkollhom jerġgħu jiġu mibdula. Tal-anqas, mil-lat teoritiku, is-suċċess tar-reġjuni jista' jitqies tali meta dawn ma jibqgħux meħtieġa.

Il-Fora ta' Firenze u ta' Madrid jistgħu jintużaw bħala okkażżjoni fejn issir evalwazzjoni regolari tal-kompożizzjoni tar-reġjuni u tax-xogħol imwettaq minnhom.

4. IL-KWESTJONIJIET TA' GOVERNANZA

1. L-istruttura ta' kull reġjun

L-istruttura ta' governanza attwali tal-Inizjattivi Reġjonali hija magħmula minn tliet entitajiet. F'kull reġjun, hemm Kumitat ta' Koordinazzjoni Reġjonali (RCC) li jinkludi l-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Regolamentazzjoni (NRAs) tar-reġjun. L-RCC jaġixxi bħala l-koordinatur ġenerali tal-kompiti li jridu jitwettqu fir-Reġjun u jipprovdi tmexxija u strateġija. Il-Grupp ta' Implimentazzjoni (IG) huwa magħmul mill-NRAs u mill-partijiet interessati prinċipali. Dan il-Grupp jipproponi u jikkommetti ruħu li jwettaq azzjonijiet konkreti biex jindirizza l-kwestjonijiet prijoritarji li jiġu identifikati mill-RCC. Fl-aħħar nett, il-Grupp tal-Partijiet Interessati (SG) huwa magħmul mill-partijiet interessati kollha.

L-istudju li sar dwar l-Inizjattivi Reġjonali identifika l-hteġa li tingħata aktar orjentazzjoni politika. Ta' spiss, biex isir progress fl-Inizjattivi Reġjonali, ikun meħtieġ l-involviment tal-gvernijiet biex jibdlu l-qafas legali u regolatorju nazzjonali u jagħtu appoġġ fuq livell politiku, pereżempju, għal proġetti infrastrutturali transkonfinali. L-involviment tal-Istati Membri fl-Inizjattivi Reġjonali għandu jimminimizza wkoll ir-riskju li fora tal-istess tip jiġu stabbiliti minn Stati Membri f'ambiti ad hoc differenti mill-ambitu tal-Inizjattivi Reġjonali.

Sa minn meta tidħol fis-seħħ, l-ACER għandha twettaq rwol attiv fl-Inizjattivi Reġjonali, bl-għan li tiżgura l-effikaċja u l-konsistenza fix-xogħol tad-diversi reġjuni.

Sabiex twettaq ir-rwol tagħha li tippromwovi l-ħolqien tas-suq intern tal-enerġija u d-dover tagħha bħala kustodja tat-Trattati u tal-acquis tal-UE, anke l-Kummissjoni għandha tipprovdi orjentazzjoni politika. Il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tagħmel proposti dwar kwalunkwe komputu ġdid li għandu jiġi indirizzat minn xi reġjun.

Il-governanza tal-Inizjattivi Reġjonali tista' tiġi msaħħa bil-ħolqien ta' Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali (RSC) li jinkludi l-ACER u l-Kummissjoni, kif ukoll l-Istati Membri u l-entitajiet regolatorji tar-reġjun flimkien mal-Kumitat ta' Koordinazzjoni Reġjonali (RCC) u permezz tat-tkabbir tal-RCC bl-inklużjoni tal-ACER u l-Kummissjoni. Ix-xogħol tal-RSC ikollu skop doppju: min-naħa waħda, li jippromwovi u jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni fuq livell reġjonali, u jipprovdi tmexxija ta' livell għoli għall-pjan ta' ħidma reġjonali li jrid jiġi żviluppat mill-RCC b'koordinazzjoni mal-programm tal-ACER, sabiex jiġu identifikati l-implikazzjonijiet għall-għanijiet politiċi relatati mas-sigurtà tal-provvista, mal-kompetittività u mas-sostenibbiltà; u, min-naħa l-oħra, li jżid il-progress fl-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-netwerk fil-kuntest tar-rwol ġdid li l-Inizjattivi Reġjonali għandhom fl-iffaċilitar tal-implimentazzjoni, u jinkoraġġixxi l-implimentazzjoni bikrija ta' proġetti oħra flimkien mal-iżvilupp tal-infrastruttura fuq livell reġjonali; L-RSC jista' jagħti impetu ta' livell għoli għall-implimentazzjoni meta jinqalgħu xi problemi. L-RCC jibqa' responsabbli għall-kwestjonijiet strettament regolamentarji.

Jekk ikun xieraq, l-RCC u l-RSC jistgħu jistiednu lit-TSOs, lill-Kambji tal-Enerġija jew lil partijiet interessati oħra għal-laqgħat tagħhom, skont ma jkunu s-suġġetti u l-proġetti li jittrattaw f'dawn il-laqgħat. Dan l-involviment bikri tal-industrija jiggarantixxi li d-deċiżjonijiet dwar strateġija u politika jkunu fattibbli u funzjonabbli u jindirizza t-tħassib, li ħareġ mill-istudju tal-Kummissjoni, li fis-sitwazzjoni attwali, il-partijiet interessati qed jiġu involuti tard wisq.

Biex jikkomplementaw ix-xogħol tal-RCC u tal-RSC, il-Grupp ta' Implimentazzjoni u l-Grupp tal-Partijiet Interessati għandhom jibqgħu jiffunzjonaw kif qed jiffunzjonaw bħalissa.

2. Il-governanza u l-koerenza fir-reġjuni

Huwa importanti li jkun hemm struttura ta' governanza ċara fir-reġjuni; iżda huwa daqstant ieħor importanti li tiġi ggarantita l-koerenza tax-xogħol li jitwettaq fir-reġjuni. Sa issa, l-ERGEG ippubblika rapporti dwar il-koerenza u l-konverġenza regolament, iżda għad mhux ċar safejn ir-reġjuni segwew dawn ir-rapporti.

Għall-ewwel, il-koerenza tax-xogħol tad-diversi reġjuni ser issir b'approċċ ta' "minn fuq għal isfel", li fil-fatt jingħata permezz ta' linjigwida qafas u kodiċijiet tan-netwerk. Dawn, fil-każ tal-elettriku, se jkunu l-applikazzjoni tal-mudell ta' referenza żviluppat mill-Grupp Konsultattiv Ad Hoc (AHAG) tal-ERGEG. Barra minn hekk, se jkun hemm il-ħtieġa li tiġi vverifikata l-applikazzjoni koerenti tal-kodiċijiet tan-netwerk fir-reġjuni kollha. F'każ li r-reġjuni jkunu qed jaħdmu fuq kwestjonijiet li (sa issa) għadhom ma ġewx trattati fil-kodiċijiet tan-netwerk, ikunu meħtieġa linjigwida ġenerali biex ma jiġix ipperikolat il-ħolqien ta' suq intern tal-enerġija.

Mhux neċessarju li tinħoloq struttura addizzjonali biex tiggarrantixxi l-koerenza fir-reġjuni. L-ewwel nett, kemm fil-każ tar-reġjuni tal-gass kif ukoll f'dak tar-reġjuni tal-elettriku, il-fatt li xi Stati Membri jiffurmaw parti minn aktar minn reġjun wieħed huwa għażla konxja tagħhom. Dawn l-Istati Membri jkollhom it-tendenza awtomatika li jiggarrantixxu l-koerenza biex jevitaw l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet differenti fi fruntieri differenti. It-tieni nett, l-ACER ikollha rwol importanti xi twettaq f'dan ir-rigward, minbarra t-tmexxija politika li tingħata mill-Kummissjoni bil-parteciċipazzjoni tal-RSC il-ġdid. Peress li l-Fora ta' Firenze u ta' Madrid ilaqqgħu flimkien lill-Kummissjoni, l-ERGEG/ACER, l-ENTSOs, l-NRAs, l-Istati Membri u l-assoċjazzjonijiet kummerċjali tas-settur tal-industrija, dawn il-fora jistgħu jipprovdu pjattaformi idonei għall-ġħoti ta' tmexxija politika lir-reġjuni u għall-monitoraġġ tal-koerenza. Fl-aħħar nett, għandu mnejn ikun xieraq li jiġu żviluppati programmi ta' ħidma għas-sena jew snin li ġejjin. Il-programm ta' ħidma għandu jintbagħat lill-ACER, li min-naħa tagħha tevalwa l-koerenza tal-programmi ta' ħidma tar-reġjuni ma' programmi ta' ħidma oħra, mal-Linjigwida Qafas u mal-Kodiċijiet tan-netwerk. F'każ li jiġu nnotati xi inkonsistenzi, l-ACER għandha tinforma lill-Kummissjoni biex din tkun tista' tadotta regoli vinkolanti għall-Programm(i) ta' Ħidma kkonċernat(i), skont l-aħħar sentenza tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 713/2009. Din il-funzjoni ta' reviżjoni tal-ACER għandha tisemma fil-Programm ta' Ħidma ta' din l-Aġenzija. Skont l-Artikolu 7.3 tar-Regolament li jistabbilixxi l-ACER, wieħed mill-kompiti tal-ACER hu li tipprovdi qafas li fih ikunu jistgħu jikkoperaw ir-regolaturi nazzjonali. Barra minn hekk, l-ACER trid timmonitorja l-kooperazzjoni reġjonali tat-TSOs (l-Artikolu 6.9 tar-Regolament li jistabbilixxi l-ACER). Jidher li jkun xieraq li l-ACER, minn Marzu 2011 'il quddiem, tiegħu r-rwol li l-ERGEG għandu biex jikkooordina l-inizjattivi reġjonali. L-istess bħalma qiegħed jagħmel l-ERGEG bħalissa, l-ACER ser ikollha tiddependi fuq l-NRAs membri tagħha biex dawn jixprunaw l-Inizjattivi Reġjonali.

Marra minn hekk, huwa importanti li x-xogħol tal-Inizjattivi Reġjonali jiġi integrat fix-xogħol globali tal-ACER.

5. PERSPETTIVI GĦALL-FUTUR

Wara li għaddew ħames snin minn meta ġew stabbiliti, il-Kummissjoni ppreżentat evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-Inizjattivi Reġjonali u tal-kontribut tagħhom għal-ħolqien ta'

suq intern tal-enerġija. Ġew stipulati wkoll l-alternattivi possibbli għar-reviżjoni tar-rwol ta' dawn l-inizjattivi, għall-kjarifikazzjoni tal-kompożizzjoni tagħhom u għat-tisħiħ tal-effikaċja tagħhom. Bħala stadju fil-proċess għall-ksib ta' suq uniku tal-enerġija tassew integrat, l-inizjattivi reġjonali għandhom rwol ewlieni xi jwettqu fit-tfassil tal-politika futura tal-UE għall-enerġija u fil-promozzjoni tal-bini ta' netwerks tal-enerġija integrati li jkunu adatti għall-ħtiġijiet tad-deċennji li jmiss.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-partijiet interessati kollha biex (sal-15 ta' Frar 2011) jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar l-orjentazzjonijiet ta' politika murija f'din il-Komunikazzjoni.

Abbażi tal-informazzjoni li tirċievi, l-Kummissjoni se tikkunsidra liema inizjattivi leġiżlattivi jew ta' politika tista' tiegħu biex issaħħaħ il-koooperazzjoni fuq livell reġjonali fl-aħħar nofs tas-sena 2011.